MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 2008

Numru. 742/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Renald Vella ta' 32 sena bin Rose nee' Vella imwieled Pieta' fit-3 ta' Gunju, 1976, residenti Block C, Flat 10, Triq it-Tarzna, Isla, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 479576M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza kif migjuba fil-kontra l-imputat u cioe talli fil-11 ta' Awissu, 2008, ghal habta ta' 11.30pm u diversi hinijiet u zminijiet qabel fir-residenza Block 4 Flat 3 li tinsab fi Triq Mary Carter Fgura u f'diversi lokalitajiet ohra uza strument li jaqta' jew iniggez fuq il-persuna ta' ibnu Franklin mill-Fgura u ikkaguna ferita ta' natura gravi u seta` gab periklu ta' debulizza permanenti fis-sahha jew

fil-funzjoni ta’ xi part ital-gisem jew ta’ difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem skond ma ccertifika it-tabib Dr. Kevin Borg Reg 3143 mill-Isptar Mater Dei.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi uza strument li jaqta’ jew iniggez fuq il-persuna ta’ Micheline Orsini mill-Fgura u kkagunalha ferita ta’ natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Kevin Borg Reg 3143 mill-Isptar Mater Dei.

Akkuzat ukoll talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobli jew immobli u cioe` ghamel hsara fuq bieb ta’ barra tar-residenza li ggib l-isem Entratura 4 Flat 3 li tinsab fi Triq Mary Carter Fgura liema hsara hija ta’ aktar minn 116.47 Euros (Lm50) izda anqas minn 1165.69 Euros (Lm500), ghad-detriment ta’ Micheline Orsini mill-Fgura.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi uza arma irregolari fuq il-persuna ta’ Franklin u Micheline mill-Fgura.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi ghamel lil Franklin u lil Micheline mill-Fgura ingurji jew theddid mhux imsemmi band’ohra fil-Kodici Kriminali.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b’xi mod iehor mhux imsemmi band’ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghat-tieni, ir-raba’ il-hames u s-sitt akkuzzi migjuba fil-konfront tieghu kif uikoll ammetta illi huwa ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Franklin Orsini;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi migjuba quddiem din il-Qorti irrizulta li dan kien incident familjari fejn l-imputat li hu l-missier fid-demm tal-vittma Franklin Orsini ikkaguna feriti hfief fuq ibnu kif ukoll fuq omm it-tifel tieghu Michelle Orsini. Illi

ghalkemm il-Qorti tikkundanna bis shih kwalunkwe vjolenza tkun ghal liema raguni tkun, aktar u aktar meta dina tkun wahda familjari. Madanakollu huwa fatt illi llum l-paci tidher li qed tirrenja ghal darba ohra f'din il-familja u kemm Michelle Orsini l-omm kif ukoll it-tifel Franklin hafru lill-imputat ghall-akkadut u regghu laqghuh gewwa darhom.

Illi ghar-rigward tat-tielet akkuza, irrizulta mill-provi illi l-hsara ikkagunata kienet wahda minima u l-parte leza Michelle Orsini irrinunzjat ghal kwalunkwe azzjoni fil-konfront tal-imputat.

Ghal bqija tal-akkuzi dawn jirrizultaw sufficjentament ippruvati ghajr ghall-ewwel akkuza peress illi mix-xhieda mghotija minn Dr. Kevin Borg illum seduta stante irrizulta illi l-griehi huma ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Franklin Orsini salv li ma jkun hemm l-ebda konsegwenza ohra.

Illi meta tigi biex tinfliggi l-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni dak kollu li inghad akatar il-fuq.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 221(2), 22(1)(a), 31, 339(d), 64(2) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet akkuza, issib lill-imputat hati tat-tieni, ir-raba, il-hames u s-sitt akkuza kif ukoll illi l-hati ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Franklin Orsini u tikkundannah ghal perjodu ta' ta' hames (5) xhur prigunerija liema perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum u dan wara li l-Qorti rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u wara li qieset ic-cirkustanzi kollha tal-kaz kif aktar il-fuq f'din is-sentenza. Inoltre l-imputat qed jigi kkundannat ihallas multa ta' €116.47.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------